

32004R0391

L 64/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

2.3.2004

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 524/2004
tas-19 ta' Marzu 2004**

li għall-31 darba qed temenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nr. 881/2002 li, jimponi ċerti miżuri ta' restrizzjoni fuq ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-networks ta' l-Al-Qaida u tat-Taliban, u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 881

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nr. 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiki ta' restrizzjoni fuq ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-networks ta' l-Al-Qaida u tat-Taliban u li tħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nr. 467/2001, li jipprobjixxi l-esportazzjoni ta' ċertu tip ta' merkantija u servizzi lill-Afganistan, li ssahħħah il-projbizzjoni ta' titjir u testendi l-iffriżar ta' fondi u risorsi finanzjarji oħra lejn it-Taliban ta' l-Afganistan (¹), kif kif emendat bir-Regolament (KE) Nr. 391/2004 (²) speċjalment bl-Artikolu 7(1)l-ewwel inċiż tiegħu

billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nr. 881/2002 jagħti lista tal-persuni, grupperi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u risorsi ekonomiki taħt l-istess Regolament.

- (2) Fl-24 ta' Frar, fit-12 ta' Marzu u fis-17 ta' Marzu, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet iddeċċida li jemenda il-lista ta' persuni grupperi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u risorsi ekonomiki. L-ANNESS I għandu b'hekk jiġi emendat kif xieraq.
- (3) Biex jiġi aċċertat li dawn il-miżuri previsti ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jiġi fis-seħħ immedjatamente.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ANNESS I tar-Regolament (KE) Nr. 881/2002 qiegħed jiġi emendat hawnhekk skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 19 Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

Christopher PATTEN

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 139, 29.05.02, p. 9.

(²) ĠU L 64, 02.03.04, p. 36.

L-ANNESS

L-ANNESS I tar-Regolament (KE) Nr.881/2002 qed jiġi amendat kif ġej:

Dawn li ġejjin għandhom jiġu miżjuda taħt l-Intestatura “Persuni”.

“Al-Haramain Fondazzjoni ta’ (l-Indoneżja) (alias Yayasan Al-Manahil-l-Indoneżja), Jalan Laut Sulawesi Block DII/4, Kawling Angkatan Laut Duren Sawit, Jakarta Timur 13440, l-Indoneżja. Informazzjoni oħra: telefon: 021-86611265 u 021-86611266; fax 021-8620174.”
